

# Kawża C-134/05

## Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

vs

## Ir-Repubblika Taljana

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Libertà li jiġu pprovduti servizzi —  
Dritt ta’ stabbiliment — Irkupru extraġudizzjarju ta’ djun”

Konklużjonijiet ta’ l-Avukat Ġenerali M. Poiares Maduro, ippreżentati fl-14 ta’  
Diċembru 2006 . . . . . I - 6253  
Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-18 ta’ Lulju 2007 . . . . . I - 6274

### Sommarju tas-sentenza

*Moviment liberu tal-persuni — Libertà ta’ stabbiliment — Libertà li jiġu pprovduti servizzi —  
Irkupru extraġudizzjarju ta’ djun  
(Artikoli 43 KE u 49 KE)*

Billi jimponi l-obbligu fuq kull impriża li teżerċita l-attività ta' rkupru extraġudizzjarju ta' djun:

- li titlob, għalkemm l-impriża jkollha liċenzja maħruġa mill-Questore ta' provinċja, liċenzja ġdida f'kull provinċja fejn hija tixtieq teżerċita l-attivitajiet tagħha, ħliet fil-każ meta jingħata mandat lil rappreżentant awtorizzat f'din il-provinċja l-oħra, Stat Membru jonqos mill-obbligi imposti fuq skond l-Artikoli 43 KE u 49 KE;

- li jkollha uffiċċju fit-territorju kopert mil-liċenzja u li twaħħal hemmhekk tabella ta' servizzi li jistgħu jiġu pprovduti lill-klijenti, Stat Membru jonqos mill-obbligi imposti fuq skond l-Artikolu 49 KE;

- li jkollha uffiċċju f'kull provinċja fejn hija għandha l-intenzjoni teżerċita l-attivitajiet tagħha, Stat Membru jonqos mill-obbligi imposti fuq skond l-Artikolu 43 KE.

(ara l-punti 47, 64, 66, 87 u d-dispożittiv)